# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 287/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Raymond Abela**

Seduta tas-26 t'April, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, Raymond Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 74280M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 ta' Frar, 2017 f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Maruska Abela, is-somma ta' €340.00, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Gunju, 2017 li biha sabet lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni w illiberatu bil-kundizzjoni li ma

jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll ordnat il-hlas ta' €340 fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' Raymond Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tikkancella is-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni migjuba kontrih;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara li l-parti leza allegat li ma kienx hallasha l-manteniment dovut lilha u lill-uliedha ghax-xahar ta' Frar 2017. L-appellant interpona appell bi gravami singolari fil-mertu li l-pagament ta' Frar kien saldat u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u b'mod ragjonevoli ssibu hati. It-tieni gravami tieghu jirrigwarda aspett procedurali u ghalhekk dan ser ikun konsiderat qabel l-ewwel aggravju;
2. L-appellant jikkontendi illi s-sentenza hija nulla bis-segwenti ragunament: "*stante li hi nieqsa mid-dikjarazzjoni dwar il-perjodi li huwa qed jinstab hati ghalihom u allura ma rrrizultax car ghal-*

*liema perjodu kienet qed tirrizulta tali htija*". Ezaminata s-sentenza appellata, din il-Qorti ma tikkondividix l-istess hsieb. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jelenka r-rekwiziti ta' sentenza moghtija mill-Qorti f'materja kriminali, huwa pjenament rispettat u rifless fis-sentenza appellata. Huma tlieta r-rekwiziti in rigward kif rassenjati fl-artikolu 382 li jipprovdi hekk: "Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat". Issa, l-appellant qieghed jirreferi ghall-ewwel rekwizit li jikkoncerna l-fatti, izda s-sentenza ma tirraviza ebda nuqqas meta l-Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellant hati talli fis-16 ta' Frar 2017 naqas li jhallas il-manteniment stipulat;

3. L-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza ghalhekk qed ikun michud u hekk deciz, jokkorri issa ezami tal-fatti u provi sabiex ikun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

4. Illi fost il-kundizzjonijiet elenkati f"kuntratt ta' separazzjoni kif awtorizzat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), l-appellant obbliga ruhu li jhallas lill-kwerelanta is-somma ta' €340 "*kull xahar , u kull xahar bil-quddiem*" bhala manteniment. Il-kwerelanta xehedet illi minn Ottubru 2016 l-appellant naqas milli jhallas bil-quddiem kif obbligat u beda l-abitudini illi jiddividi dan l-ammont f'zewg hlasijiet, wiehed ta' €200 u iehor ta' €140 li jithallsu matul ix-xahar u mhux preventivament kif maqbul. Il-parti leza ssostni li minhabba f'hekk l-appellant kien qieghed jingannaha ghaliex kull meta jhallas il-manteniment ikun qieghed fil-verita' jissalda l-pretensjoni tax-xahar ta' qabel;

5. L-appellant xehed illi l-kwerelanta m'ghandiex ragun ghaliex ghad illi *ex admissis* l-azzjoni tieghu tista' titqies bhala pagament tardiv, madanakollu l-manteniment huwa mhallas. Huwa ghamel referenza ghad-*Deposit Slips* minnu ezebiti u li taghhom qed issir

rassenja. 27.12.2016 €340; 16.01.2017 €340; 08.02.2017 €200; 21.02.2017 €140 u 21.03.2017 €200;

6. Il-kwerelanta issostni li l-problema ilha tirrikorri minn Ottubru tas-sena 2016 b'mod illi kull pagament li jivversa l-appellant ikun qieghed jissalda l-ammont tardiv tax-xahar ta' qabel u l-kwistjoni aktar ikkomplikat ruhha minn meta l-appellant beda jaqsam il-hlas f'zewg pagamenti bl-iskop, skond hi, li jikkonfondiha dwar il-fatt li la darba kien qed ihallas vicin l-ahhar tax-xahar kien qieghed ihallas bil-quddiem kif obbligat. L-appellant jilmenta mill-fatt illi ma thalliex igib id-dokumenti li jmorru lura ghall-Ottubru tal- 2016 biex jipprova li l-hlas kien sar skond kif obbligat. L-appellant, izda, li kien jaf x'kien l-ilment tal-kwerelanta u ghaliex kienet talbet li jinbdew proceduri kontra tieghu, seta' ressaq dawk id-dokumenti fis-seduta quddiem l-ewwel Qorti. Id-dokumenti minnu esebiti juru biss li kien effettwat hlas tal-manteniment, anke jekk spezzettat, fix-xhur ta' Dicembru 2016, Jannar, Frar u Marzu (in parti) 2017. Issa, l-ewwel Qorti ghazlet ix-xhieda tal-kwerelanta fuq dik tal-appellant bhala l-aktar kredibbli u kien pjenament fid-dritt li taghmel hekk;

7. Din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u li jidher li hi radikata mill-akkoljiment tal-fatt illi l-appellant qed isibha difficli li jivversa l-ammont kollu f'pagament wiehed tant illi in konkluzzjoni lliberatu b'kundizzjoni fosthom li jhallas l-ammont dovut fi zmien xahar. Din il-Qorti ma ghandha xejn xi zzid in rigward;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.